

Brussell, 15 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15930/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0204(COD)**

**CODEC 1993
ICAO 100
CLIMA 668
RELEX 1717
AVIATION 316**

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSIL li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tan-notifika ta' kumpens fir-rigward ta' miżura globali bbażata fuq is-suq għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ewropew tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' April 2022².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Ottubru 2021³.
1. Fit-13 ta' Diċembru 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ 10869/21 + COR 1.

² ĠU C 301, 5.8.2022, p. 116.

³ ĠU C 105, 4.3.2022, p. 140.

⁴ 15927/22.

2. Fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2022 il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil tiegħu u qabel li jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tinsab f'id-dokument PE-CONS 61/22.
3. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
